MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Numru. 1122/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Brian Casingena**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Brian Casingena**, ta′ tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Simon u Emily neé Portelli, imwieled Pietà, nhar it-22 ta′ Ottubru 1989, residenti fil-fond numru St. Joseph Flat 6, Anetto Caruana Street, Qawra u detentur tal-Karta tal-Identita′ bin-Numru 541989(M),

akkuzat talli f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghaxija (1900hrs) ta' nhar is-6 ta' April u t-tmienja ta' filghodu (0800hrs) ta' nhar is-7 ta' April 2012, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, Triq Zenqa, Naxxar, kif ukoll l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Balzan, Triq it-Tlett Knejjes, Balzan:

a) seraq mija u sebghin euro (€1 70.00) fi flus ghad-detriment ta' Emanuel Govè liema serq hu aggravat bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkun gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom ghad-dannu ta' Emanuel Govè;

c) fl-istess data, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' mija u sebghin euro (€ 170.00) ghad-dannu ta' Emanuel Govè, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

d) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, l-imputat ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 37*) datata 2 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-2 ta' Dicembru 2013, f'liema seduta l-

imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 2 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 37) u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 2 ta' Dicembru 2013 u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u kif ukoll il-fedina penali tieghu (Dok. "JM 2") (li hija wahda kompletament nadifa).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 2 ta' Dicembru 2013 u senjatament Artikoli 17, 127, 141, 261(d), 268(d), 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-

imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' snin.

Finalment, il-Qorti, wara li rat dak li jiddisponi Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat Brian Casingena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------